MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 298/2003

***Pater Finance Co. Ltd.***

***vs***

***Carmel Muscat***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1080) rappresentanti import ta' tmien kambjali kollha ta' Lm135 'il wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa, liema kambjali huma annessi ma' l-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 8, konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult legali u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Jannar 2003 jammontaw ghal Lm28, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1080), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------